# Qorti Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Att ta' Akkuza Nru: 15/2005**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Hachem Ali**

Illum 30 ta' Jannar, 2017.

Il-Qorti ,

Rat l-att tal-Akkuza numru 15 tas-sena 2005 fil-konfront ta' Hachem Ali (detentur karta tal-identita' 20815(a) u l-passaport bin-numru 1394495 li bih huwa akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi nhar is seba u ghoxrin (27) ta' Frar, elfejn u wiehed (2001) ghal habta tat-tmienja (8) ta' filghaxija f'San Giljan, Hachem Ali kellu kwistjoni ma Vincent Sammut dwar xi xoghol li kellhom bejniethom. Illi huma bdew jargumentaw u f'mument minnhom Hachem Ali hareg pistola u spara zewg tiri f'wicc Vincent Sammut bil-hsieb li joqtlu jew jghedlu hajtu f'periklu car. Illi fortunatament Hachem Ali ma irnexxilux fl-intenzjoni tieghu ghax minkejja li Vincent Sammurt sofra ferita gravi, dan ma mietx.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Hachem Ali sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqastant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Hachem Ali hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu; jitlob illi jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija minn seba snin sa tletin sena skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht c-cirkostanzi ndikati fl- Ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuza u coie San Giljan fis-27 ta' Frar, 2001 u xi zmien qabel Hachem Ali kellu fil-pussess tieghu llegalment pistola u munizzjon minghajr id-debita licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija. B'din l-arma hu pprova joqtol lill-Vincent Sammut

Illi b'ghemilu l-imsemmi Hachem Ali sar hati talli minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon, b'dan li dawn l-armi jew munizzjon ma kienux qed jinzammu sabiex isir bejgh jew traffikar iehor kontra l-ligi bihom.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Hachem Ali hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon, b'dan li dawn l-armi jew munizzjon ma kienux qed jinzammu sabiex isir bejgh jew traffikar iehor kontra il-ligi bihom; jitlob illi jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li hu jigi kkundannat ghall-piena ta' multa ta' mhux anqas minn tletin lira Maltija

jew prigunerija ghal zmien ta'mhux izjed minn tlett xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 3(1), 19 u 27 ta'l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap 66) u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, elfejn u wiehed (2001) u xi zmien qabel Hachem Ali kellu f'dawn il Gzejjer xjentement il-pussess ta' pistola Raven bin numru tas-serie 1651216' mudell MP-25, kalibru 0.25 auto, kif ukoll munizzjon ghall-istess arma li l-valur taghom kien ta' sbatax il-lira (LM17) u li d-dazju dwarhom jammonta ghall-lira u tnax il-centezmu (LM1.12) li ma kienx thallas.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Hachem Ali sar hati talli xjentement laqa' ghandu, zamm, jew heba, jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghom hija pprojbita jew limitata, jew li ma hallsux dazju, jew oggetti li kienu gew imwarrba kontra il-ligi mighajr hlas ta' dazju, minn mahzen ta'depost tal-Gvern jew privat jew lok iehor ta' kustodja fejn kienu gew iddepositati jew xjentement gie fil-pussess ta' dawk l-oggetti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Hachem Ali hati talli xjentement laqa' ghandu, zamm, jew heba, jew xjentement halla jew ittolera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma hallsux dazju, jew oggetti li kienu gew imwarrba kontra l-ligi minghajr hlas ta' dazju, minn mahzen ta' depozt tal-Gvern jew privat jew lok iehor ta' kustodja fejn kienu gew iddepozitati jew xjentement gie fil-pussess ta' dawk l-oggett; jitlob li jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sentejn jew ghal dik il-prigunerija flimkien ma' multa ta' Hamsa u Tletin Lira u Tnax il-Centezmu (Lm35.12) bil-konfiska tal-arma u munizzjon skont dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 60(a)(b)(c)(k) u 62(a)(b)(c)(d)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-ewwel proviso tal-artikolu 62, u l-artikolu 87, tal-

Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) u fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista′ skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba′ Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikat fit-tielet kap tal-Att ta' l-Akkuza u cioe fit-28 ta' Frar, 2001 u xi zmien qabel Hachem Ali kien fil-pussess illegali ta' pistola u munizzjon;

Illi l-importazzjoni tal-istess armi tan-nar u munizzjon hija projbita u/jew ristretta skont il-ligi. Illi fid-data partikolari hawn imsemmija, kellha tithallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjued, taxxa ammontanti ghal zewg liri u wiehed u sebghin centezmi (Lm2.71) fuq valur totali ta' tmintax il-lira u tnax il-centezmu (Lm18.12), liema taxxa ma giet qatt imhallsa u/jew kawtelata mill-imsemmi Hachem Ali.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Hachem Ali sar hati talli xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu oggetti [armi tan-nar u munizzjon] li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u li fuqhom kellha tithallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Hachem Ali hati talli xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu armi tan-nar u munizzjon li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u li fuqhom kellha tithallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Jitlob illi jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghall-hlas ta' multa ekwivalenti ghal total shih ta' taxxa li jkollha tithallas fuq l-oggetti u daqs darbtejn il-valur tal-oggetti, jew multa ta' hamsa u ghoxrin lira, skont liema tkun l-akbar, jew ghal prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew ghal-dawk il-multi u prigunerija flimkien, skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 80 tal-Kap 406, u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Hachem Ali, preżentat fit-18 ta' Jannar, 2017, fejn qablu fit-terminu ta' l-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkużat Hachem Ali għall-akkużi miġjuba kontrih fl-erbgħa (4) Kapi ta' l-Att ta' Akkuza fl-ismijiet fuq premessi, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' tmien (8) snin u tlett (3) xhur, flimkien ma' multa ta' disgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċentezmu (€90.75), rapprezentanti t-total sħiħ ta' taxxa u darbtejn il-valur ta' l-oġġetti ndikati fir-Raba' (4) Kap ta' l-Akkuża, u dan oltre kwalsiasi u/jew konsegwenza oħra tassativa għad-dikjarazzjoni taż sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta, illum Kapitolu 480) u ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum 30 ta' Jannar, 2017, fejn l-akkużat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat li din l-Qorti tat żmien lill-akkużat biex jerga' jaħseb dwar l-ammissjoni tiegħu skont l-artikolu 453 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkużat reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara lill-akkużat Hachem Ali ħati talli:

1. dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

2. minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon, b'dan li dawn l-armi jew munizzjon ma kienux qed jinzammu sabiex isir bejgh jew traffikar iehor kontra il-ligi bihom.

3. xjentement laqa' ghandu, zamm, jew heba, jew xjentement halla jew ittolera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija oggetti li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma hallsux dazju, jew oggetti li kienu gew imwarrba kontra l-ligi minghajr hlas ta' dazju, minn mahzen ta' depozt tal-Gvern jew privat jew lok iehor ta' kustodja fejn kienu gew iddepozitati jew xjentement gie fil-pussess ta' dawk l-oggett

4. xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu armi tan-nar u munizzjon li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u li fuqhom kellha tithallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Rat il-gurisprudenza kemm lokali u kemm barranija rigward ir-reduzzjoni tal-piena meta l-akkuzat jirregistra ammissjoni bikrija fil-proceduri u b'hekk jigi evitat hafna xoghol inutli u spejjez ghall-amministrazzjoni tal-Gustizzja (Vide "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.).

Kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fil-kaz "Ir-Repubblika ta ' Malta vs Mario Camilleri " [ 07/5/2002 ], ammissjoni bikrija mhux dejjem necessarjament u bħala dritt jintitola lill-hati ghal tnaqqis fil-piena .

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta' ammissjoni bikrija fil-proceduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari taghha fil -kawża: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never*

*been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."*

Ghaldaqstant,

Din il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u l-artikoli 3(1), 19 u 17 ta' l-Ordinanza dwar l-armi (Kapitolu 66) u l-artikoli 60(a)(b)(c)(k) u 62 (a)(b)(c)(d)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-ewwel proviso tal-artikolu 62 u l-artikolu 87 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37) u l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill- hati Hachem Ali ghall-piena ta' priġunerija effettiva ghal perjodu ta' tmien (8) snin u tlett (3) xhur, flimkien ma' multa ta' disgħin Ewro u

ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€90.75) . Kif ukoll tikkundannaħ iħallas is-somma ta' sitt mija u tletin Ewro u sittin ċenteżmu (€630.60), rappreżentanti l-ispejjeż tal-periżji nkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-periżji ma jitħallsux fi żmien sittin ġurnata mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-ligi.

| | |
|---|---|
| Antonio Mizzi | Brian Avellino |
| Imħallef | Deputat Reġistratur |